**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru 564/2021**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Stephen Gulia]**
**[Spettur Lydon Zammit]**
**[Spettur Michael Vella]**

**vs**

**Dante Buhagiar**

**Illum 03 ta' Settembru 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

"**Dante Buhagiar**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 191303L

U nakkuzawh talli nhar l-1 ta' Settembru 2021 bejn il-17:00 Hrs ta' wara nofsinhar u s-19:00 Hrs ta' wara nofsinhar minn gewwa l-fond numru 150, Triq il-Punent, Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkomettejt serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Giorgia Buhagiar anzjana ta' sebgha u sebghin sena u/jew persuna/i

w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jexxedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlietin centezmu (€2,329.37) u bil-lok

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi mingharj il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem u fis-sahha ta' Giorgia Buhagiar anzjana ta' sebgha u sebghin liema hsara hija ta' natura hafifa hekk kif iccertifikata minn Dr. Kenneth Falzon detentur tal-karta tal-identita bin-numru 420594M tal-Berga tas-Sashha tal-Floriana.

3. Fl-istess dati, hijijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Gudikatura Kriminali (Malta), Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D, datata 9 ta' Settembru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

4. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Gudikatura Kriminali Magistrat Dr Rachel Montebello LL.D,  datata 29 t'April 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

> Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.”

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu.

Semghet lill-imputat jirriafferma l-ammissjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Illi dwar il-piena li ghandha tigi imposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-eta’ tal-imputat, u l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat, il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat l-akkuzi migjuba kontra tieghu jinsabu pruvati.

Konsegwentament, il-Qorti fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

In vista li l-imputat jidher li ma apprezzax l-opportunitajiet gia moghtija lilu bis-sentenzi tal-Qorti tad-9 ta' Settembru 2020 u dik tad-29 t'April 2021;

In vista wkoll li l-vittmi huma persuna anzjana ta' 77 sena u persuna b'dizabilita', li fil-fatt hija relegata fuq wheelchair, mhux biss izda huma wkoll familjari tal-imputat, il-Qorti tqis li ma tistax taghti opportunita' ohra lill-imputat stante li din hija t-tielet darba li huwa seraq lill-istess vittmi.

**Decide:**

Ghaldaqstant, wara illi rat l-Artikoli 221 (1), 261(a) (c) u (e), 262 (1) (a), 267, 269 (g), 274 (c), 276A, 277 (a), 279 (a), 280 (2), 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat kumplessivament ghal tliet xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti hija ben konsapevoli illi din il-piena, kunsidrat ir-reati kollha migjuba kontra l-imputat hija taht il-minimu, izda dan qed isir biss in konsiderazzjoni l-fatt tal-eta' tal-imputat li ghadu kif ghalaq tmintax il-sena u bil-ghan illi stante li din id-darba l-piena hija wahda karcerarja, l-imputat juza dan iz-zmien sabiex jibda jirriforma ruhu.

In oltre, il-Qorti qeghda tordna wkoll li t-termini tal-Ordnijiet ta' Probation taht is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2020 u dik tad-29 t'April 2021 jergghu jibdew jiddekorru mil-lum u testendihom ghal zmien tliet snin.

Il-Qorti tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha possibbli sabiex jirriforma ruhu u sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur